Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,548, 3 ta' Diċembru, 2025

Taqsima B

A.L. 277 tal-2025

ATT DWAR ARTIJIET TAL-GVERN
(KAP. 573)

Regolamenti tal-2025 dwar l-Iskema ta' Fidi ta' Dirett Dominju Temporanju u Sjieda Sħiħa Sussegwenti ta' Proprjetajiet Residenzjali tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 31(L) u 77 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, il-Ministru responsabbli għall-Awtorità tal-Artijiet u l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar l-Iskema ta' Fidi ta' Dirett Dominju Temporanju u Sjieda Sħiħa Sussegwenti ta' Proprjetajiet Residenzjali tal-Gvern.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li joħloq skema u jistabbilixxi l-kriterji li abbażi tagħhom konċessjoni enfitewtika temporanja tista' tinfeda minn applikanti eliġibbli.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"applikant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika attwalment rikonoxxuta bħala enfitewta, jew fil-proċess li tiġi rikonoxxuta bħala l-enfitewta mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti;

"Att" tfisser l-Att dwar Artijiet tal-Gvern; Kap. 573.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Artijiet imwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet; Kap. 563.

"fidi Tip A" tisser fidi ta' enfitewsi ta' proprjetajiet użati bħala r-residenza unika u ordinarja tal-applikant u garaxxijiet jew spazji ta' parkeġġ użati għal finijiet residenzjali li għandhom ikunu jew interkonnessi mar-residenza jew jaqgħu taħt l-istess konċessjoni enfitewtika;

"fidi Tip B" tfisser fidi ta' enfitewsi ta' proprjetajiet li ma humiex meqjusa bħala r-residenza unika u ordinarja tal-applikant, jew garaxxijiet jew spazji tal-parkeġġ mhux eliġibbli skont it-termini tal-fidi Tip A ta' dawn ir-regolamenti;

"fidi Tip Ċ" tfisser fidi ta' enfitewsi ta' art mhux

żviluppata;

"ħlasijiet addizzjonali" tfisser kwalunkwe ammont sussegwenti ieħor għall-fidi li l-Awtorità tista' timponi fir-rigward ta' trasferiment ta' proprjetà skont dawn ir-regolamenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Awtorità;

"proprjetajiet residenzjali" tfisser dawk il-proprjetajiet:

(a) li oriġinarjament ingħataw b'konċessjoni enfitewtika temporanja għal finijiet residenzjali u bħalissa għadhom jintużaw bħala residenzi;

(b) li oriġinarjament ingħataw b'konċessjoni enfitewtika temporanja għall-iżvilupp ta' residenza waħda jew aktar; jew

(ċ) li oriġinarjament ingħataw b'konċessjoni enfitewtika temporanja għal użu mhux residenzjali iżda li ġew żviluppati, jew jistgħu jiġu żviluppati, għal użu residenzjali soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Emenda jew Revoka ta' Kondizzjoni Imposta f'Kuntratt ta' Proprjetà li kienet Trasferita mill-Gvern, l-Awtorità tal-Artijiet jew Entitajiet Ekklesjastiċi permezz ta' Bejgħ jew Enfitewsi.

L.S. 573.17.

Applikabilità.

3. (1) L-iskema għandha tapplika għal fidi ta' enfitewsi temporanja li jitħallas mill-applikant għall-proprjetajiet li huma klassifikati mill-Awtorità bħala proprjetajiet residenzjali, kif imfissra f'dawn ir-regolamenti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-fidi tat-Tip A, B jew Ċ.

Eliġibbilità għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi minn applikant li għandu jkun persuna jew entità legali li:

(a) hija rikonoxxuta jew qiegħda fil-proċess li tiġi rikonoxxuta mill-Gvern bħala l-enfitewta jew l-enfitewta attwali tal-proprjetà; u

(b) ma jkollha l-ebda ħlasijiet pendenti ta' ċens fir-rigward tal-proprjetà:

Iżda f'każijiet fejn l-applikant ikun persuna ġuridika, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati biss skont ir-regolamenti taħt il-fidi tat-Tip B u Ċ.

Subenfitewta eliġibbli.

5. Applikant li jkollu l-proprjetà b'subenfitewsi għandu jikkwalifika biss jekk ir-rekwiżiti provduti fir-regolament 4 ikunu sodisfatti u:

(a) l-applikant huwa rikonoxxut jew qiegħed fil-proċess li jiġi rikonoxxut bħala l-enfitewta mill-Gvern u attwalment jħallas iċ-ċens relattiv lill-Gvern;

(b) fil-każ fejn is-subenfitewsi tkun ġiet mifdija, l-applikant għandu jipprova li s-subenfitewsi tkun ġiet mifdija mis-subenfitewta; u

(ċ) l-applikant ikun qiegħed japplika għar-residenza unika u ordinarja taħt il-fidi Tip A:

Iżda t-terminu tal-enfitewsi li jkun ġej mill-konċessjoni oriġinali u dak tas-subenfitewsi għandhom jiskadu fl-istess jum.

Drittijiet.

6. Id-drittijiet kollha tal-applikazzjoni huma elenkati fl-Iskeda IV. Kwalunkwe spejjeż relatati mal-bejgħ jew fidi, inklużi d-drittijiet tan-nutar, perit jew legali għandhom jitħallsu mill-applikant.

Esklużjonijiet.

7. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx ikunu applikabbli għall-proprjetajiet li ġejjin:

(a) proprjetajiet li ngħataw b'enfitewsi temporanja għal finijiet residenzjali fejn il-mekkaniżmu ta' fidi huwa speċifikat fit-termini tal-att ta' enfitewsi;

(b) proprjetajiet soġġetti għall-enfitewsi temporanja li qegħdin jintużaw għal kwalunkwe għan kummerċjali;

(ċ) proprjetajiet li kienu jew għandhom jiġu żviluppati mill-ġdid jew parzjalment jew totalment bħala żvilupp kummerċjali. L-enfitewta għandu jassenja parti mill-enfitewsi lill-iżvilupp kummerċjali u jassumi r-responsabbiltà tal-ħlas tiegħu sakemm jiskadi t-terminu enfitewtiku;

(d) proprjetajiet li ngħataw b'konċessjoni enfitewtika temporanja għal finijiet agrikoli.

Fidi Tip A - Kondizzjonijiet applikabbli għal applikazzjonijiet ta' residenza unika u ordinarja tal-applikant.

8. (1) Jekk l-applikant ikun persuna fiżika li tipprova għas-sodisfazzjon tal-Awtorità li l-proprjetà inkwistjoni ser tintuża bħala residenza unika u ordinarja, il-fidi għandu jiġi effettwat skont id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda I.

(2) Proprjetà għandha titqies bħala r-residenza unika u ordinarja tal-applikant prinċipalment jekk l-applikant jiddikjara taħt

ġurament li huwa kien jirrisjedi fil-proprjetà msemmija fl-applikazzjoni, għal mhux inqas minn tliet (3) snin qabel id-data li fiha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-fidi u li l-ebda proprjetà oħra ma ġiet mifdija taħt il-fidi Tip A matul il-ħames (5) snin preċedenti. L-Awtorità tista' titlob kwalunkwe dokumenti u informazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' dan ir-rekwiżit.

(3) Jekk il-proprjetà mifdija tiġi trasferita b'bejgħ jew bi kwalunkwe titolu reali ieħor, fi żmien ħmistax (15)-il sena mid-data tal-validazzjoni tal-applikazzjoni għall-fidi, għandu jkun dovut lill-Awtorità ħlas addizzjonali ta' tlieta fil-mija (3%) tal-prezz tal-bejgħ:

Iżda l-ħlas addizzjonali ta' tlieta fil-mija (3%) għandu jitħallas mat-trasferiment ta' kull unità individwali jekk il-proprjetà mifdija tkun ġiet żviluppata f'unitajiet separati.

(4) Id-data tal-validazzjoni tal-applikazzjoni għandha tkun id-data li fiha l-applikazzjoni tkun ġiet validata u lesta sabiex tiġi pproċessata mill-Awtorità u tali data għandha tiġi indikata fl-att tal-fidi.

(5) Ħlasijiet addizzjonali għandhom ikunu dovuti darba biss mal-ewwel trasferiment wara l-fidi.

(6) Il-proprjetà għandha tinfeda soġġetta għall-kondizzjoni li għandha tintuża għal fini residenzjali skont dawn ir-regolamenti u kwalunkwe tibdil fl-użu għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Emenda jew Revoka ta' Kondizzjoni Imposta f'Kuntratt ta' Proprjetà li kienet Trasferita mill-Gvern, l-Awtorità tal-Artijiet jew Entitajiet Ekklesjastiċi permezz ta' Bejgħ jew Enfitewsi.

L.S. 573.17.

(7) Garaxxijiet u, jew spazji ta' parkeġġ li jiffurmaw parti integrali mill-proprjetà li tkun qiegħda tiġi mifdija, jew li jaqgħu taħt l-istess konċessjoni enfitewtika u li ma jintużawx għal finijiet kummerċjali, għandhom jinfdew skont l-Iskeda I u għandha tkun applikabbli wkoll ir-rata ta' ħlas addizzjonali ta' tlieta fil-mija (3%) tal-prezz tal-bejgħ. Jekk l-użu tal-garaxx u, jew spazju tal-parkeġġ jinbidel għal wieħed kummerċjali, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Emenda jew Revoka ta' Kondizzjoni Imposta f'Kuntratt ta' Proprjetà li kienet Trasferita mill-Gvern, l-Awtorità tal-Artijiet jew Entitajiet Ekklesjastiċi permezz ta' Bejgħ jew Enfitewsi:

L.S. 573.17.

Iżda ma għandu jkun hemm l-ebda distinzjoni bbażata fuq id-data tal-għoti tal-konċessjoni oriġinali jew id-data tat-terminazzjoni tal-enfitewsi:

Iżda wkoll proprjetajiet residenzjali b'konċessjoni enfitewtika skaduta, u li jikkwalifikaw taħt it-termini tal-fidi Tip A għandhom ikunu eliġibbli li japplikaw taħt l-istess termini tal-fidi Tip A, ladarba l-konċessjoni enfitewtika tkun ġiet imġedda taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Konċessjonijiet Enfitewtiċi li Skadew jew li ser Jiskadu. L.S. 573.15.

(8) L-ammont minimu pagabbli mill-applikant wara applikazzjoni sottomessa skont ir-Regolamenti dwar Konċessjonijiet Enfitewtiċi li Skadew jew li ser Jiskadu għandu jkun ta' ċens ta' sena (1) u għandu jitħallas qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni skont dawn ir-regolamenti: L.S. 573.15.

Iżda ħlasijiet addizzjonali għandhom jitħallsu mill-bejjiegħ fuq trasferimenti sussegwenti għall-att ta' fidi u għandhom jinġabru min-nutar li jippubblika l-att tat-trasferiment ta' proprjetà.

Fidi Tip B - Kondizzjonijiet għall-fidi ta' proprjetajiet residenzjali li ma humiex meqjusa bħala r-residenza unika u ordinarja tal-applikant.

9. (1) Kwalunkwe proprjetà mhux eliġibbli taħt il-fidi Tip A jista' madankollu jinfeda skont id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda II.

(2) Fil-każ li l-proprjetà mifdija tinbiegħ jew tiġi trasferita b'jedd reali fi żmien ħmistax (15)-il sena mid-data tal-validazzjoni tal-applikazzjoni għall-fidi, għandu jitħallas ħlas addizzjonali ta' tlieta fil-mija (3%) tal-prezz tal-bejgħ lill-Awtorità:

Iżda l-ħlas addizzjonali ta' tlieta fil-mija (3%) għandu jitħallas mat-trasferiment ta' kull unità individwali jekk il-proprjetà mifdija tkun ġiet żviluppata f'unitajiet separati.

(3) Id-data tal-validazzjoni tal-applikazzjoni għandha tkun id-data li fiha l-applikazzjoni tkun ġiet validata u lesta sabiex tiġi pproċessata mill-Awtorità, liema data għandha tiġi indikata fl-att tal-fidi.

(4) Dawn il-ħlasijiet addizzjonali għandhom ikunu dovuti darba biss mal-ewwel trasferiment wara l-fidi.

(5) Il-fond għandu jinfeda bil-kondizzjoni li jintuża għal fini residenzjali skont dawn ir-regolamenti u kwalunkwe tibdil fl-użu għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Emenda jew Revoka ta' Kondizzjoni Imposta f'Kuntratt ta' Proprjetà li kienet Trasferita mill-Gvern, l-Awtorità tal-Artijiet jew Entitajiet Ekklesjastiċi permezz ta' Bejgħ jew Enfitewsi. L.S. 573.17.

(6) Garaxxijiet u, jew spazji ta' parkeġġ li ma jikkwalifikawx taħt il-fidi Tip A u li ma jintużawx għal finijiet kummerċjali, jistgħu jinfdew skont l-Iskeda II u għandha tkun applikabbli wkoll ir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) tal-prezz tal-bejgħ. Jekk l-użu tal-garaxx u, jew spazju tal-parkeġġ jinbidel għal wieħed kummerċjali, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Emenda jew Revoka ta' Kondizzjoni Imposta f'Kuntratt ta' Proprjetà li kienet Trasferita mill-Gvern, l-Awtorità tal-Artijiet jew Entitajiet Ekklesjastiċi permezz ta' Bejgħ jew Enfitewsi:

L.S. 573.17.

Iżda ma għandu jkun hemm l-ebda distinzjoni bbażata fuq id-data tal-għoti tal-konċessjoni oriġinali jew id-data tat-terminazzjoni tal-enfitewsi:

Iżda wkoll proprjetajiet b'konċessjoni enfitewtika skaduta u li jikkwalifikaw taħt il-fidi Tip B, għandhom ikunu eliġibbli li japplikaw taħt l-istess termini tal-fidi Tip B ladarba l-konċessjoni enfitewtika tkun ġiet imġedda taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Konċessjonijiet Enfitewtiċi li Skadew jew li ser Jiskadu.

L.S. 573.15.

(7) L-ammont minimu pagabbli mill-applikant wara applikazzjoni sottomessa skont ir-Regolamenti dwar Konċessjonijiet Enfitewtiċi li Skadew jew li ser Jiskadu għandu jkun ta' sena (1) ċens u għandu jitħallas qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni skont dawn ir-regolamenti:

L.S. 573.15.

Iżda ħlasijiet addizzjonali għandhom jitħallsu mill-bejjiegħ fuq trasferimenti sussegwenti għall-att ta' fidi u għandhom jingħabru min-nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment ta' proprjetà.

Fidi Tip Ċ-Kondizzjonijiet għall-fidi ta' enfitewsi ta' art mhux żviluppata.

10. (1) Art mhux żviluppata li għandha tiġi żviluppata f'unità jew aktar u garaxxijiet u, jew spazji ta' parkeġġ għal skopijiet residenzjali għandha tkun eliġibbli għall-fidi kif preskritt permezz ta' dawn ir-regolamenti. L-applikant għandu jippreżenta l-pjanijiet tal-iżvilupp propost jew approvat, u tali pjanijiet għandhom jiffurmaw parti integrali mill-att ta' fidi. Wara s-sottomissjoni u l-ipproċessar b'suċċess ta' applikazzjoni, l-Awtorità għandha tipprovdi Ċertifikat ta' Fidi lill-applikant li jindika l-proprjetajiet li kienu soġġetti għall-fidi.

(2) Il-prezzijiet ta' fidi applikabbli huma elenkati fl-Iskeda III.

(3) Meta unità fl-iżvilupp tinbiegħ jew tiġi trasferita b'jedd reali fi żmien ħmistax (15)-il sena mid-data tal-validazzjoni tal-applikazzjoni għall-fidi, ħlas addizzjonali ta' tlieta fil-mija (3%) tal-prezz tal-bejgħ għandu jkun dovut lill-Awtorità.

(4) Il-proprjetajiet għandhom jibqgħu jintużaw għal skop residenzjali kif preskritt f'dawn ir-regolamenti bl-eċċezzjoni u bl-esklużjoni ta' kwalunkwe parti maħsuba għal skopijiet kummerċjali kif preskritt fit-tifsira "proprjetajiet residenzjali". Kwalunkwe tibdil fl-użu għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Emenda jew Revoka ta' Kondizzjoni Imposta f'Kuntratt ta' Proprjetà li kienet Trasferita mill-Gvern, l-Awtorità tal-Artijiet jew Entitajiet Ekklesjastiċi permezz ta' Bejgħ jew Enfitewsi li jirregolaw it-talba għal tibdil fil-kondizzjonijiet ta' konċessjoni enfitewtika: L.S. 573.17.

Iżda ma għandu jkun hemm l-ebda distinzjoni bbażata fuq id-data tal-għoti tal-konċessjoni oriġinali, jew id-data tat-terminazzjoni tal-enfitewsi:

Iżda wkoll proprjetajiet residenzjali b'konċessjoni enfitewtika skaduta u li jikkwalifikaw taħt it-termini ta' fidi Tip Ċ, għandhom ikunu eliġibbli li japplikaw taħt l-istess termini ta' fidi Tip Ċ ladarba l-konċessjoni enfitewtika tkun ġiet imġedda skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Konċessjonijiet Enfitewtiċi li Skadew jew li ser Jiskadu. L.S. 573.15.

(5) L-ammont minimu pagabbli mill-applikant wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni skont ir-Regolamenti dwar Konċessjonijiet Enfitewtiċi li Skadew jew li ser Jiskadu għandu jkun ta' ċens ta' sena (1) u għandu jitħallas qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni skont dawn ir-regolamenti: L.S. 573.15.

Iżda kwalunkwe ħlasijiet addizzjonali għandhom ikunu dovuti mill-bejjiegħ darba biss mal-ewwel trasferiment wara l-fidi u għandhom jinġabru min-nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment ta' proprjetà.

(6) Wara l-ħruġ ta' ċertifikat ta' fidi kif provdut fis-subregolament (1), jekk jiġi propost żvilupp addizzjonali, ħlas addizzjonali ta' tlieta fil-mija (3%), apparti l-prezzijiet tal-fidi indikati fis-subregolament (2) li jikkorrispondu għaż-żieda ta' unitajiet, garaxxijiet jew spazji ta' parkeġġ għandhom ikunu dovuti lill-Awtorità:

Iżda l-impożizzjoni tal-ħlas addizzjonali għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' ħmistax (15)-il sena mid-data tal-validazzjoni tal-applikazzjoni oriġinali għall-fidi, liema data għandha tkun iddikjarata b'mod ċar fl-att tal-fidi. Ċertifikat ta' fidi rivedut ibbażat fuq il-pjanti addizzjonali ppreżentati mill-applikant għandu jiġi pprovdut ma' kull att ta' fidi. Ċertifikati ta' fidi emendati għandhom jinħarġu suġġetti għall-ħlas addizzjonali ta' elf euro (€1,000) għal kull ċertifikat ta' fidi:

Iżda wkoll jekk in-numru ta' unitajiet residenzjali, garaxxijiet jew spazji ta' parkeġġ proposti jitnaqqas, l-applikant ma għandux ikun eliġibbli li jitlob rifużjoni ta' ammont imħallas preċedentement lill-Awtorità.

Eżenzjonijiet minn pagamenti addizzjonali ta' wara l-fidi.

11. It-trasferimenti li ġejjin għandhom ikunu eżentati mill-ħlasijiet addizzjonali ta' wara l-fidi:

(a) trasferimenti favur axxendenti, dixxendenti jew aħwa, sakemm il-proprjetà tibqa' bħala residenza ordinarja;

(b) trasferimenti favur persuni b'diżabilità debitament reġistrati mal-entità kompetenti;

(ċ) trasferimenti favur tali applikanti li jissodisfaw il-kriterji għall-eżenzjoni mit-taxxa in konnessjoni mal-ewwel proprjetà immobbli tagħhom kif stabbilit fl-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23;

L.S. 364.12.

(d) trasferimenti sussegwenti għall-fidi ta' Tip A biss magħmula minn persuni li għandhom aktar minn ħamsa u sittin (65) sena.

Kondizzjonijiet komuni għall-kategoriji kollha.

12. (1) Qabel kwalunkwe trasferiment ta' proprjetà, il-bejjiegħ għandu jinforma lill-Awtorità dwar it-trasferiment u jikseb kunsens minn qabel. Tali informazzjoni u l-kisba tal-kunsens huma soġġetti għal piena ta' nullità u l-ammont dovut għandu jitħallas mat-trasferiment tal-proprjetà.

(2) Meta ċ-ċens ikun rivedibbli, dan għandu jiġi rivedut sad-data tal-validazzjoni tal-applikazzjoni qabel il-fidi.

(3) It-termini indikati fir-regolament 8 fir-rigward tal-ħlasijiet addizzjonali wara l-fidi tal-proprjetà għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-validazzjoni tal-applikazzjoni u l-imsemmija data għandha tkun indikata b'mod ċar fil-kuntratt ta' fidi.

(4) Il-pjanti tal-proprjetà li tkun se tinfeda għandhom jiġu annessi mal-kuntratt ta' fidi sabiex tiġi identifikata b'mod ċar delineazzjoni ċara tal-proprjetà li se tinfeda.

(5) Id-drittijiet tal-applikazzjoni huma elenkati fl-Iskeda IV.

(6) L-Awtorità tista' tikkunsidra proprjetà bħala waħda ta' valur nett għoli u, jew ta' importanza storika u, jew nazzjonali, f'liema każ dawn ir-regolamenti ma għandhomx ikunu applikabbli. F'dan il-każ, l-applikazzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata u kull dritt imħallas lill-Awtorità għandu jiġi rimborsat.

13. Applikant għandu jkollu dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Awtorità meħuda skont dawn ir-regolamenti skont l-artikolu 57 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet. Appell. Kap. 563.

14. (1) L-Awtorità għandu jkollha d-dritt li tirrifjuta fid-diskrezzjoni unika tagħha kwalunkwe applikazzjoni sottomessa lilha skont dawn ir-regolamenti. Riżerva.

(2) Id-deċiżjoni li biha l-Awtorità tiċħad applikazzjoni sottomessa lilha skont dawn ir-regolamenti għandha tkun bil-miktub, anke jekk b'mezzi elettroniċi, u għandha tinkludi r-raġuni li wasslet għar-rifjut tal-applikazzjoni.

(3) L-Awtorità għandu jkollha d-dritt li tressaq kwalunkwe azzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn titlob ir-rexxissjoni tal-konċessjoni enfitewtika maħruġa fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni falza, informazzjoni skorretta, jew li tirriżulta minn żball, f'każijiet fejn tqis li l-Awtorità ma kelliex tilqa' t-talba għall-fidi fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni falza, informazzjoni skorretta jew żball.

(4) L-Awtorità ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe forma ta' ħsara jew kumpens fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skont dawn ir-regolamenti.

15. (1) Applikanti li jkollhom applikazzjonijiet għall-fidi pendenti li ġew sottomessi taħt skemi preċedenti mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jagħżlu li jittrasferixxu l-applikazzjoni tagħhom sabiex tiġi regolata skont dawn ir-regolamenti fi kwalunkwe stadju qabel l-iffirmar tal-kuntratt. Barra minn hekk, kwalunkwe applikazzjoni ta' fidi Tip A għandha tkun soġġetta għal tnaqqis fil-prezz tal-fidi ekwivalenti għad-differenza bejn iż-żewġ (2) drittijiet tal-applikazzjoni. Dispożizzjoni-jiet tranżitorji.

(2) L-applikanti li diġa' kkonkludew kuntratt ta' fidi skont skemi preċedenti għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu trasferimenti sussegwenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-kanċellazzjoni ta' ipoteki li jirriżultaw minn skemi preċedenti għandha tkun kontinġenti għall-ħlas tad-depożitu tal-pagamenti addizzjonali li jirriżultaw minn dawn ir-regolamenti ekwivalenti għal tlieta fil-mija (3%) tal-prezz tal-bejgħ.

(4) In-nutar li jippubblika l-att tat-trasferiment sussegwenti għandu jiġbor dawn il-ħlasijiet addizzjonali.

(5) Kwalunkwe proċessi konklużi taħt skemi preċedenti, li jinkludu l-kanċellament tal-ipoteka, għandhom jiġu esklużi minn dawn ir-regolamenti.

Skeda I
(regolament 8)

Ċens Pagabbli u l-Prezzijiet ta' Fidi Rispettivi għal Applikazzjonijiet Sottomessi fir-rigward ta' fidi Tip A

Euro		Euro	Prezz tal-Fidi
0	sa	5	1500
5.01	sa	10	2500
10.01	sa	20	3500
20.01	sa	30	4500
30.01	sa	40	5500
40.01	sa	50	7000
50.01	sa	60	8000
60.01	sa	70	9000
70.01	sa	80	10000
80.01	sa	90	11000
90.01	sa	100	12000
100.01	sa	110	14000
110.0	sa	120	15000
120.01+			16000
€1,000 għal kull garaxx jew post ta' parkeġġ			
Nota: Il-garaxx jew il-post ta' parkeġġ għandu jew ikun interkonness mar-residenza jew jaqa' taħt l-istess konċessjoni enfitewtika.			

Skeda II
(regolament 9)

Ċens annwali pagabbli u l-prezzijiet ta' fidi korrispondenti għal applikazzjonijiet sottomessi fir-rigward ta' fidi Tip B, li fost l-oħrajn jinkludu: proprjetajiet użati bħala residenzi oħra, proprjetajiet battala, u proprjetajiet li ngħataw b'konċessjoni enfitewtika temporanja bħala unità residenzjali waħda u li diġà ġew żviluppati f'diversi unitajiet.

Euro		Euro	Prezz ta' Fidi
0	sa	5	4500
5.01	sa	10	5500
10.01	sa	20	6500
20.01	sa	30	7500
30.01	sa	40	8500
40.01	sa	50	1000
50.01	sa	60	11000
60.01	sa	70	12000

70.01	sa	80	13000
80.01	sa	90	14000
90.01	sa	100	15000
100.01	sa	110	17000
110.0	sa	120	18000
120.01+			19000
€2,000 għal kull garaxx jew post ta' parkeġġ			

Skeda III
(regolament 10)

Prezzijiet ta' Fidi għal Applikazzjonijiet Sottomessi fir-rigward ta' fidi ta' Tip Ċ

Prezz ta' fidi għal kull unità jew appartament	€7,000
Prezz ta' fidi għal kull garaxx jew spazju ta' parkeġġ	€2,000
Ċertifikat Oriġinali ta' Fidi provdut mill-Awtorità mal-firma tal-att	-
Ċertifikat ta' Fidi emendat	€1,000

Skeda IV
(regolament 6)

Drittijiet ta' Applikazzjoni.

Kategoriji	**Drittijiet ta' applikazzjoni** - € kull unità jew garaxx jew post ta' parkeġġ
<u>Fidi Tip A</u>	
Unità Residenzjali	500
Garaxx jew Spazji ta' parkeġġ	150
<u>Fidi Tip B</u>	
unità residenzjali	1,000
garaxx jew spazji ta' parkeġġ	250
<u>Fidi Tip Ċ</u>	
L-ewwel ħames (5) unitajiet residenzjali	1,000
unitajiet addizzjonali	250
garaxx jew spazji ta' parkeġġ	250